MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 342/2007

**KIRTON & CO. LIMITED (C 180)**

**Vs**

**Emanuel Balzan (k.i. 128177M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn mitejn u erbghin liri u tmenin centezmu (Lm2240.80,0) (€5219.66) bhala bilanc dovut skond kif indikat fuq kopja ta' prospett anness mal-avviz u mmarkata bl-ittra "A" u dan (a) kwantu ghal Lm762.80 bhala bilanc minn somma akbar fuq fattura numru 208419 datata 25 ta' April 2007, (b) kwantu ghal Lm392.00 skond fattura numru 208425 datata 26 ta' April 2007, (c) kwantu ghal Lm934.00 skond fattura numru 208439 datata 30 ta' April 2007, u (d) kwantu ghal Lm152.00 skond fattura numru 208447 datata wkoll 30 ta' April 2007, dan kollu rapprezentanti ammonti dovuti ghal

servizzi ta' agent tal-ivvjagar u taxxi u spejjez relattivi, hekk kif indikat ahjar f'kopji ta' fatturi lkoll annessi u mmarkati mal-avviz rispettivament bl-ittri 'B" sa "E".

Bl-ispejjez tal-avviz, tal-ittra nterpellatorja datata 25 ta' Ottubru 2007 (kopja dok "F" annessa mal-avviz) u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat mal-avviz, flimkien mal-imghaxijiet bl-oghla rata skond il-ligi mid-dati ta' hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi a fol 2 sa fol 8 tal-atti u markati "Dok "A" sa Dok "F".

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-18 ta' Marzu 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2240.80 ossija €5219.66 bl-imghaxijiet legali "a scaletta" mid-dati tal-fatturi a fol 3 sa fol 6 tal-atti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra interpellatorja tal-25 ta' Ottubru 2007 u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tat-30 ta' Ottubru 2007 msemmi fir-rikors in esami.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------